MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 247/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Coleiro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Coleiro talli:

(1) nhar-il 11 ta’ Awissu 2008 ghall-habta tat-8.00 hrs gewwa r-residenza f’Tarxien, ghamel hsara volontarja fuq prodotti ta’ l-ikel li l-ammont taghhom ma jeccedix €116.47 ghad-dannu ta’ Julia u Antonella Coleiro;

(2) fl-istess cirkostanzi hedded lil Antonella Coleiro bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325 u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Coleiro hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu, u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Coleiro pprezentat fid-9 ta' Lulju 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (a) thassar is-sentenza appellata peress illi hija nulla u invalida u ma tistax tigi esegwita; u, fin-nuqqas, (b) tibdel is-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-akkuza hi nulla peress illi m'hemmx indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom qieghed jigi akkuzat l-appellant; (2) li l-ewwel Qorti ma ndikatx taht liema artikolu tal-ligi sabet lill-appellant hati; (3) li meta kkundannatu a bazi ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti naqset milli tispjega r-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9; (4) li, minghajr pregudizzju, il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci dokumenti jew ircevuti jew provi okulari dwar x'kienu l-prodotti ta' l-ikel li allegatament saritilhom hsara; (5) li l-proceduri kif tmexxew quddiem l-ewwel Qorti huma monki ghaliex il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Avukat Dott. Josette Grech li kienet qed tirrapprezenta lil mart l-appellant u l-ufficjali tal-pulizija ma hadux sehem attiv; (6) li l-ewwel Qorti ma tat ebda twissija lil Antonella Coleiro li setghet ma tixhidx kontra missierha; (7) li ma ngabet ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni li saret hsara volontarja da parti ta' l-appellant; (8) li l-appellant ressaq provi li ma

kienx ghamel ebda hsara volontarja; (9) li, minghajr pregudizzju, l-affidavit ta’ P.S. 285 tissostanzja t-tezi ta’ l-appellant.

Fis-seduta tallum il-partijiet qablu li tinghata sentenza preliminari dwar it-tieni aggravju fejn l-appellant issottometta illi s-sentenza appellata hi nulla ghax ma ndikatx taht liema artikolu tal-ligi sabitu hati.

Id-disposizzjoni rilevanti tal-ligi huwa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Issa, kemm-il darba gie deciz illi dak li jkun jirrizulta minn fuq ic-citazzjoni fejn normalment il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti jikteb *di proprio pugno* d-decizjoni tieghu jew taghha, ma jistax jigi sseparat minn dak li jkun hemm fis-sentenza li tigi sussegwentement dattilografata u li jkun fiha wkoll il-firma tal-Magistrat. Dan ghaliex is-sentenza dattilografata normalment tirrispekkja dak li jkun sehh u gie deciz meta tkun giet pronunzjata s-sentenza. F’dan il-kaz pero` hemm differenza notevoli. Filwaqt illi s-sentenza dattilografata tikkontjeni referenza ghall-artikoli tal-ligi rilevanti, minn ezami tac-citazzjoni a fol. 1 ma jirrizultaw minn imkien dawn l-artikoli tal-ligi. Ghalkemm fis-sentenza hemm referenza ghall-“artikoli indikati”, effettivament ma hemm l-ebda artikolu ndikat, la fis-sentenza u lanqas f’xi post iehor fic-citazzjoni. Ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi dikjarata nulla u bla effett, hlief f’dik il-parti fejn iddikjarat li l-appellant ma kienx hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u, a tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess.

Effettivament fis-seduta tallum hija semghet ix-xiehda ta' Julia Coleiro u ta' Antonella Coleiro, mart u bint l-appellant, u dik ta' l-appellant stess. Irid jinghad l-ewwelnett illi l-appellant u martu qeghdin fi proceduri ta' separazzjoni u dan il-kaz sehh meta kienu ghadhom jghixu fl-istess dar izda f'partijiet differenti ta' dik id-dar. Issa, mix-xiehda rrizulta li fil-11 ta' Awissu 2008 l-appellant qala' l-plakka tal-*freezer* fejn martu kellha diversi oggetti ta' ikel mahzunin, u dan ghamlu filghodu wara li martu u bintu kienu hargu ghax-xoghol u qabel ma hareg hu ghax-xoghol. Irrizulta wkoll li dan ghamlu peress illi, skond l-appellant, martu kienet skonnettjatlu d-dawl diversi drabi tal-*fridge* zghir li kellu b'mod li lanqas daqsxejn halib ma kien jibqaghlu tajjeb. Irrizulta li ftit jiem qabel kien qal lil bintu biex tghid lil ommha li jekk kienet se terga' taghmel hekk, huwa kien se jaqla' l-plakk tal-*freezer*. Antonella Coleiro xehdet li ma qalitx lil ommha b'dan u difatti lil missierha qaltlu li ma kinitx se tghidilha ghax dawk kienu affarijiet ta' bejniethom.

L-appellant jghid illi ma saret l-ebda hsara fl-ikel avolja l-*freezer* baqa' mitfi ghal madwar tnax-il siegha. Julia Coleiro u Antonella Coleiro jikkontendu li kien hemm affarijiet ta' hut u laham li kellhom jintremew. Din il-Qorti tqis aktar verosimili dak li xehdu Julia Coleiro u Antonella Coleiro li kien hemm xi affarijiet li kellhom jintremew, izda peress illi ma setghux jaghtu l-valur ta' dawn l-oggetti – haga li setghu jaghmlu *a tempo vergine* peress illi, skond Antonella Coleiro, kienu ghadhom kemm ghamlu xirja – din il-Qorti se tikkonferma l-htija ta' l-appellant ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' hsara volontarja, b'dan illi qed tiddetermina li l-ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, qieghed jinghad ghal kull bwon fini biss li, mix-xiehda li semghet din il-Qorti, dik l-imputazzjoni effettivament ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt illi tikkonferma li l-appellant mhuwiex hati tat-tieni imputazzjoni u tikkonferma ghalhekk

il-liberazzjoni tieghu minn dik l-imputazzjoni, issib lill-appellant hati talli fil-11 ta’ Awissu 2008 ghall-habta tat-8.00 a.m. gewwa r-residenza tieghu f’Hal-Tarxien volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq prodotti ta’ l-ikel li l-valur taghhom ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u, wara li rat l-artikolu 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah kondizzjonalment skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perijodu ta’ sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------